

Brussell, 29 ta' Novembru 2017
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0380 (COD)

14572/17
ADD 1

ENER 458
ENV 958
CLIMA 316
COMPET 792
CONSOM 360
FISC 282
CODEC 1856

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Nru dok. Cion:	15150/1/16 ENER 420 ENV 760 CLIMA 640 CONSOM 302 FISC 222 CODEC 1816 REV 1 + ADD 1 REV 1
Suġġett:	ANNESSI għall-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku (riformulazzjoni) - Approċċ ġenerali

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness it-test rivedut tal-Annessi. Dan id-dokument jakkumpanja d-dok.
14572/17.

L-aħħar bidliet huma mmarkati b'**tipa grassa sottolinjata**. Il-bidliet meta mqabbla mal-proposta
tal-Kummissjoni huma mmarkati b'**tipa grassa**, u t-tassir bi [].

ANNESS I

[]

ANNEX II

REKWIŻITI MINIMI GĦALL-ĦRUĠ TAL-KONTIJET U INFORMAZZJONI DWAR IL-KONTIJET

1. Informazzjoni minima inkluża fil-kont

L-informazzjoni li ġejja għandha tintwera b'mod prominenti lill-klijenti finali fil-kontijiet tagħhom u **[] l-informazzjoni dwar il-kontijiet:**

- (a) il-prezz li għandu jitħallas; u, fejn possibbli, **[] it-tqassim tal-prezz;**
- (b) konsum tal-elettriku għall-perijodu kopert;
- (c) L-isem **[] u d-dettalji ta' kuntatt tal-fornitur flimkien ma' numru ta' appoġġ għall-konsumaturi;**
- (d) **[]**
- (e) isem it-tariffa;

- (f) [] id-data **tat-tmiem** [] tal-kuntratt, **jekk applikabbli**; []
- (g) il-kodiċi tal-bdil tal-klijent jew il-kodiċi ta' identifikazzjoni uniku għall-punt tal-provvista tiegħu;
- (h) **id-dettalji ta' kuntatt tal-entità responsabbli** [] għas-soluzzjoni ta' tilwim [] skont l-Artikolu 26.

Fejn xieraq, l-informazzjoni li ġejja għandha [] **tkun disponibbli** lill-klijenti finali fi,[] ma' **jew indikata b'mod ċar fil-kontijiet** u l-kontijiet ta' saldu perjodiċi tagħhom:

- (a) []
- (b) tqabbil tal-konsum effettiv kurrenti tal-klijent, flimkien mal-konsum għall-istess perijodu fis-sena ta' qabel f'forma grafika;
- (c) informazzjoni dwar kif jista' jsir kuntatt ma' organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, aġenziji tal-elettriku jew korpi oħra simili, inklużi indirizzi ta' siti web, minn fejn wieħed jista' jsib informazzjoni dwar il-miżuri disponibbli li jtejbu l-effiċjenza tal-enerġija [] għal tagħmir li juża l-enerġija;
- (ca) [] il-paraguni ma' klijent aħħari medju normalizzat jew skont parametri ta' referenza fl-istess kategorija ta' utenti [];
- (cb) tagħrif dwar id-drittijiet tagħhom u l-opportunitajiet ta' mezzi ta' rimedju għalihom f'każ ta' tilwim skont l-Artikolu 26.

1a. Il-frekwenza tal-ħruġ tal-kontijiet u l-għoti ta' informazzjoni dwar il-kontijiet:

- (a) il-ħruġ tal-kontijiet għandu jsir abbażi tal-konsum reali, ta' lanqas darba fis-sena;**
- (b) fejn il-klijenti finali ma jkollhomx miters li jippermettu lill-operatur li jaqrahom mill-bogħod, jew fejn il-konsumaturi finali jkunu għażlu b'mod attiv li jwaqqfu l-qari mill-bogħod f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali l-informazzjoni preċiża dwar il-kontijiet abbażi tal-konsum reali għandha tkun disponibbli għall-klijenti finali ta' lanqas kull sitt xhur, jew darba kull tliet xhur fuq talba jew fejn il-klijent finali għażel li jirċievi l-ħruġ tal-kontijiet b'mod elettroniku;**
- (c) fejn il-klijenti finali ma jkollhomx miters li jippermettu lill-operatur li jaqrahom mill-bogħod, jew fejn il-konsumaturi finali jkunu għażlu b'mod attiv li jwaqqfu l-qari mill-bogħod f'konformità mad-dispożizzjonijiet skont il-liġi nazzjonali, l-obbligi fis-subparagrafi (a) u (b) jistgħu jiġu ssodisfati permezz ta' sistema ta' qari tal-konsum proprju mill-klijenti finali b'mod regolari, li permezz tiegħu huma jikkomunikaw il-qari mill-miter tagħhom lill-fornitur. Huwa biss meta l-klijent finali ma pprovdix qari mill-miter għal perijodu partikolari ta' kontijiet jew l-informazzjoni dwar il-kontijiet tista' tkun bbażata fuq konsum stmat jew rata fissa;**
- (d) meta l-klijenti finali jkollhom miters li jippermettu l-qari mill-bogħod mill-operatur, l-informazzjoni preċiża dwar il-kontijiet abbażi tal-konsum reali għandha tiġi pprovduta ta' lanqas kull tliet xhur, jew kull xahar fuq talba jew fejn il-klijent finali għażel li jirċievi kont elettroniku.**

2. Tqassim tal-prezz tal-klijenti

Il-prezz tal-konsumatur huwa t-total tat-tliet komponenti ewlenin li ġejjin: il-komponent tal-enerġija u l-provvista, il-komponent tan-netwerk (trażmissjoni u distribuzzjoni) u l-komponent li jinkorpora t-taxxi, is-sisa, it-tariffi u l-imposti.

Fejn it-tqassim tal-prezz tal-klijent jiġi ppreżentat fil-kontijiet, id-definizzjonijiet komuni tat-tliet komponenti ewlenin f'dan it-tqassim, stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 2016/1952, għandhom jintużaw fl-Unjoni kollha.

3. Access għal informazzjoni komplementari dwar il-konsum storiku

L-Istati Membri għandhom jesiġu li, sa fejn tkun disponibbli dik l-informazzjoni komplementari dwar il-konsum storiku, din titqiegħed għad-dispożizzjoni, fuq talba tal-klijent finali, lil fornitur jew fornitur tas-servizzi maħtur mill-konsumatur.

Fejn il-klijenti finali jkollhom installati miters li jippermettu l-qari mill-bogħod mill-operaturi, dawn għandu jkollhom il-possibbiltà li jaċċessaw faċilment l-informazzjoni komplementari dwar il-konsum storiku biex b'hekk ikunu jistgħu iwettqu awtokontrolli dettaljati.

L-informazzjoni komplementari dwar il-konsum storiku għandha tinkludi:

(a) data kumulattiva għal mill-anqas it-tliet snin preċedenti jew il-perijodu mill-bidu tal-kuntratt tal-provvista jekk dan ikun iqsar. Id-data għandha tikkorrispondi għall-perijodi li għalihom ġiet prodotta informazzjoni frekwenti dwar kontijiet; u

(b) data dettaljata skont il-ħin tal-użu għal kwalunkwe ġurnata, ġimgħa, xahar u sena. Din id-data għandha ssir disponibbli lill-klijent finali kważi f'ħin reali permezz tal-internet jew l-interfaċċja tal-arloġġ għall-perijodu ta' mill-anqas l-24 xahar preċedenti jew il-perijodu mill-bidu tal-kuntratt tal-provvista jekk dan ikun iqsar.

4. Divulgazzjoni tas-sorsi tal-enerġija

Il-fornituri għandhom jispeċifikaw fil-kontijiet **il-kontribuzzjoni għal kull sors tal-enerġija għall-elettriku mixtri mill-klijent skont il-kuntratt tal-provvista (divulgazzjoni fuq il-livell tal-prodott).**

L-informazzjoni li ġejja għandha tkun disponibbli lill-klijenti finali fi, ma' jew indikata b'mod ċar fil-kontijiet u l-informazzjoni dwar il-kontijiet tagħhom:

- (a) il-kontribuzzjoni ta' kull sors tal-enerġija lejn it-taħlita ġenerali tal-karburant tal-fornitur (fuq il-livell nazzjonali, jiġifieri fl-Istat Membru fejn ikun ġie konkluż il-kuntratt ta' forniment, kif ukoll fil-livell tal-impriża ta' provvista jekk il-fornitur huwa attiv f'diversi Stati Membri) matul is-sena ta' qabel b'mod komprensibbli u komparabbli b'mod ċar;
- (b) []
- (c) [] l-informazzjoni dwar l-impatt ambjentali, f'termini ta' mill-anqas ta' CO₂ u l-iskart radjuattiv li jkun ġej mill-elettriku prodott mit-taħlita ġenerali tal-karburant tal-fornitur matul is-sena preċedenti [];

Rigward l-ewwel subparagrafu punti (a) [] tat-[]tieni subparagrafu fir-rigward tal-elettriku miksub permezz ta' elettriku skambjat jew importat minn impriża li tkun tinsab barra l-Unjoni, jistgħu jintużaw figuri aggregati provduti mill-iskambju jew mill-impriża inkwistjoni matul is-sena preċedenti.

Għad-divulgazzjoni tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli jew mill-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, għandhom jintużaw garanziji tal-oriġini maħruġa skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2009/28/KE u l-Artikolu 14(10) tad-Direttiva 2012/27/KE.

L-awtorità regolatorja jew awtorità kompetenti nazzjonali oħra għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jassiguraw li l-informazzjoni mogħtija mill-fornituri lill-klijenti tagħhom skont dan l-Artikolu hija ta' min joqgħod fuqha u hija provduta, flivell nazzjonali, b'mod komparabbli biċ-ċar bejn l-Istati Membri.

ANNEX III

MITERS INTELLIĠENTI

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' kejl intelliġenti fit-territorji tagħhom li tista' tkun suġġetta għal evalwazzjoni ekonomika tal-ispejjeż u l-benefiċċji kollha fuq tul ta' żmien għas-suq u għall-konsumatur individwali jew skont liema forma ta' kejl intelliġenti tkun ekonomikament raġonevoli u effiċjenti f'sens ta' nfiq u liema perijodu ta' żmien ikun fattibbli għad-distribuzzjoni tagħhom.
2. Evalwazzjoni bħal din għandha tqis il-metodoloġija għal valutazzjoni tal-kostijiet-benefiċċji u l-funzjonalitajiet minimi għall-kejl intelliġenti definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2012/148/UE kif ukoll l-aqwa tekniki disponibbli biex jiġu żgurati l-ogħla livelli ta' sigurtà ċibernetika u protezzjoni tad-data.
3. Suġġett għal dik l-evalwazzjoni, l-Istati Membri jew fejn Stat Membru jkun ippreveda hekk, l-awtorità kompetenti maħtura, għandha tħejji kalendarju b'mira sa 10 snin għall-implimentazzjoni ta' sistemi ta' kejl intelliġenti. Meta t-tnedija tal-miters intelliġenti tingħata evalwazzjoni pożittiva, tal-anqas 80 % tal-klijenti aħharja għandhom jingħataw sistemi ta' kejl intelliġenti fi żmien 8 snin mid-data **tal-adozzjoni ta' qafas legali nazzjonali għat-tnedija jew sal-2020 għal dawk l-Istati Membri li bdew evalwazzjoni pożittiva jew sal-2020 għal dawk l-Istati Membri li jkunu bdew l-implimentazzjoni qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva** [].

ANNEX IV

Parti A

Direttiva Mħassra

(imsemmija fl-Artikolu [...])

Direttiva 2009/72/KE

(ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55-93)

Parti B

Lista ta' skadenzi għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali [u applikazzjoni]

(imsemmijin fl-Artikolu [...])

Id-Direttiva	Il-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni	Id-data ta' applikazzjoni
2009/72/ KE	03.03.2011	03.09.2009

ANNESS V

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Direttiva 2009/72/KE	Din id-Direttiva
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2	Artikolu 2
—	Artikolu 3
Artikolu 33	Artikolu 4
—	Artikolu 5
Artikolu 32	Artikolu 6
Artikolu 34	Artikolu 7
Artikolu 7	Artikolu 8
Artikolu 3(1) ,	Artikolu 9(1)
Artikolu 3(2)	Artikolu 9(2)
Artikolu 3(6)	Artikolu 9(3)
Artikolu 3(15)	Artikolu 9(4)
Artikolu 3(14)	Artikolu 9(5)
Artikolu 3(4)	Artikolu 10
Anness I. 1	Artikolu 10

—	Artikolu 11
—	Artikolu 12
—	Artikolu 13
—	Artikolu 14
—	Artikolu 15
—	Artikolu 16
—	Artikolu 17
—	Artikolu 18
Artikolu 3(11)	Artikolu 19
—	Artikolu 20
—	Artikolu 21
—	Artikolu 22
—	Artikolu 23
—	Artikolu 24
Artikolu 3(12)	Artikolu 25
Artikolu 3(13)	Artikolu 26
Artikolu 3(3)	Artikolu 27
Artikolu 3(7) Artikolu 3.8	Artikolu 28(1)
Artikolu 3(8)	Artikolu 28(2)
—	Artikolu 29
Artikolu 24	Artikolu 30
Artikolu 25	Artikolu 31

—	Artikolu 32
—	Artikolu 33
—	Artikolu 34
Artikolu 26	Artikolu 35
—	Artikolu 36
Artikolu 27	Artikolu 37
Artikolu 28	Artikolu 38
Artikolu 29	Artikolu 39
Artikolu 12	Artikolu 40
Artikolu 16	Artikolu 41
Artikolu 23	Artikolu 42
Artikolu 9	Artikolu 43
Artikolu 13	Artikolu 44
Artikolu 14	Artikolu 45
Artikolu 17	Artikolu 46
Artikolu 18	Artikolu 47
Artikolu 19	Artikolu 48
Artikolu 20	Artikolu 49
Artikolu 21	Artikolu 50
Artikolu 22	Artikolu 51
Artikolu 10	Artikolu 52
Artikolu 11	Artikolu 53
—	Artikolu 54

Artikolu 30	Artikolu 55
Artikolu 31	Artikolu 56
Artikolu 35	Artikolu 57
Artikolu 36	Artikolu 58
Artikolu 37(1)	Artikolu 59(1)
Artikolu 37(2)	Artikolu 59(2)
Artikolu 37(4)	Artikolu 59(3)
Artikolu 37(3)	Artikolu 59(4)
Artikolu 37(5)	Artikolu 59(5)
Artikolu 37(6)	Artikolu 59(6)
Artikolu 37(7)	Artikolu 59(7)
Artikolu 37(8)	—
—	Artikolu 59(8)
Artikolu 37(9)	Artikolu 59(9)
Artikolu 37(10)	Artikolu 60(1)
Artikolu 37(11)	Artikolu 60(2)
Artikolu 37(12)	Artikolu 60(3)
Artikolu 37(13)	Artikolu 60(4)
Artikolu 37(14)	Artikolu 60(5)
Artikolu 37(15)	Artikolu 60(6)
Artikolu 37(16)	Artikolu 60(7)
Artikolu 37(17)	Artikolu 60(8)
Artikolu 38	Artikolu 61

—	Artikolu 62
Artikolu 39	Artikolu 63
Artikolu 40	Artikolu 64
Artikolu 43	Artikolu 65
Artikolu 44	Artikolu 66
—	Artikolu 67
—	Artikolu 68
—	Artikolu 69
Artikolu 49	Artikolu 70
Artikolu 48	Artikolu 71
Artikolu 50	Artikolu 72
Artikolu 51	Artikolu 73
Artikolu 3(9)	Anness II.4
Artikolu 3(5)	—
Artikolu 3(10)	—
Artikolu 3(16)	—
Artikolu 4	—
Artikolu 5	—
Artikolu 6	—
Artikolu 8	—
Artikolu 41	—
Artikolu 42	—
Artikolu 45	—
Artikolu 46	—
Artikolu 47	—